MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2010

Numru. 576/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**
**KONTRA**

**OMAR JOSEPH TRABELSI**
**WILLIAM KELLY HARRISON**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Omar Joseph Trabelsi ta’ 21 sena, bin Mohamed Ben Dhaou u Edwina nee’ Curmi, mwieled Pieta’ fil- 21 ta’ Lulju 1989, residenti BLK 4, Flat 6, Triq tal- Fieres, Kirkop u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 329189M;

U

William Kelly Harrison ta' 17- il sena, bin Eckhart u Tammy, mwieled California fit- 28 ta' Mejju 1993, residenti 3, Dun Karm Psaila, Zebbug u detentur tal- Karta tal-Identita' bin- numru 46463A;

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli
1) Fit- 3 ta' Mejju 2010 ghal habta tas- 1.00pm, u hin u zmien wara waqt li kienu fil- fond St. Jeane Antide Foundation sitwata fi Triq Hal- Tarxien, Tarxien, ikkommettew serq ta' laptop tal- marka HP Compaq 610 serje numru scnu0025181 li jiswa l- valur ta' madwar €700 ghad- detriment ta' Smart Technologies, liema serq hu kkwalifikat bil- valur u persuna;
2) Omar Joseph Trabelsi wahdu akkuzat atlli kkommetta reat li ghalih hemm kontemplat piena ta' prigunerija fil- perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ai termini tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta datata 11 ta' Mejju 2009;
3) U b'hekk irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidraw, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputati, din il-Qorti qed issibhom hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontrihom, u ghalhekk ser tghaddi biex minnufih taghti s-sentenza relattiva wara li tikkunsidra l-piena idoneja ghal dan ir-reat. Irrisulta li z-zewg imputati huma ta' eta' tenera, fejn wiehed hu addirittura minorenni u "first time offender" f'ghajnejn il-ligi. Inoltre l-Qorti rat ukoll illi l-imputati minn jeddhom xtraw 'computer' iehor biex jaghtuh lis-socjeta' derubata minnflok dak illi huma serqu, u dan gie hekk moghti waqt is-seduta ta' llum stess. Il-Qorti giet assigurata wkoll li l-ebda mill-imputati m'ghandu problema ta' dipendenza fuq id-droga, u ghalhekk jista' jkun opportun li jinghataw Ordni ta' Probation ai termini tal-Ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 267, 268, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat Omar Joseph Trabelsi hati u ghaldaqstant tqieghedu taht Ordni ta' Probation ai termini tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tlett (3) snin.
Issib ukoll lill- imputat William Kelly Harrison hati u ghaldaqstant tqieghedu taht Ordni ta' Probation ai termini tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta ghal sena.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------